Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,341, 8 ta' Novembru, 2024
Taqsima B

A.L. 298 tal-2024

ATT DWAR L-INBID
(KAP. 436)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni tal-Varjetajiet tad-Dwieli għall-Produzzjoni ta' Għeneb għall-Għasir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Inbid, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni tal-Varjetajiet tad-Dwieli għall-Produzzjoni ta' Għeneb għall-Għasir u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni tal-Varjetajiet tad-Dwieli għall-Produzzjoni ta' Għeneb għall-Għasir, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 436. 03.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fl-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/99 u fl-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1227/00." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Għall-finijiet ta' kultivazzjoni, il-varjetajiet tad-dwieli għall-produzzjoni tal-għeneb tal-inbid huma kklassifikati nazzjonalment u huma identifikati bl-isem, sinonimi u, jew omonimi, kulur tal-għeneb, adegwatezza għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni protetta tal-oriġini, b'indikazzjoni ġeografika protetta u nbejjed varjetali mingħajr denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta u bi kwalunkwe mill-użi awtorizzati li ġejjin:

(a) varjetà għall-produzzjoni ta' inbid tal-mejda;

(b) varjetà għall-produzzjoni tal-ispirtu tal-inbid;

(ċ) varjetà għall-produzzjoni ta' għeneb maħsub għat-tnixxif.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafu (a) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) Varjetajiet Adattati: Dawn huma varjetajiet li jipproduċu inbejjed ta' kwalità tajba. L-addattament ta' kull varjetà għall-produzzjoni ta' inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta, inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta, u inbejjed ta' varjetà mingħajr denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, għandu jkun determinat fil-protokoll tal-produzzjoni rispettiv, jekk applikabbli. Fil-klassi tal-varjetajiet addattati, diversi varjetajiet jistgħu jiġu indikati mid-Direttur fuq bażi ta' parametri tekniċi u, jew ta' politiki għall-iżvilupp tas-settur, bħala "rakkomandati" għall-għanijiet speċifiċi tal-politiki vitivinikola.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 753/2002" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Annes IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33".

Jissostitwixxi l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**Skeda**
Regolament 4(3)

Klassifikazzjoni tal-varjetajiet tad-dwieli għall-produzzjoni tal-għeneb għall-inbid

Kodiċi	Varjetà	Kulur	Sinonimi	Klassifikazzjoni[1]
1	Aglianico	Iswed		Ob
2	Albariño	Abjad	Alvarinho	Ob
3	Aléatico	Iswed		Ob
4	Barbera	Iswed		Ob
5	Brachetto	Iswed		Ob
6	Cabernet Franc	Iswed		S
7	Cabernet Sauvignon	Iswed		S
8	Carignan	Iswed		S
9	Carmenère	Iswed		S
10	Catarratto	Abjad		Ob
11	Chardonnay	Abjad		S
12	Chenin blanc	Abjad		S
13	Falanghina	Abjad		Ob

14	Fiano	Abjad		Ob
16	Ġellewża	Iswed		SR
17	Girgentina	Abjad	Girgenti, Ghirgentina	SR
18	Graciano	Iswed		S
19	Grecanico	Abjad		Ob
20	Greco Bianco	Abjad	Greco	Ob
21	Greco di Tufo	Abjad	Greco	Ob
22	Grenache	Iswed	Cannonau	S
23	Grillo	Abjad		Ob
24	Inzolia	Abjad	Ansonica, Insolja	S
25	Lambrusco	Iswed		S
26	Malbec	Iswed		S
27	Malvasia	Abjad		Ob
28	Malvasia nera	Iswed		Ob
29	Montonico	Abjad		Ob
30	Manzoni Bianco	Abjad		Ob
31	Merlot	Iswed		S
32	Montepulciano	Iswed		S
33	Moscato Bianco	Abjad	Moscato	S
34	Moscato di Alessandria	Abjad	Moscato, Zibibbo	S
36	Moscato giallo	Abjad	Moscato	S
37	Mourvedre	Iswed	Kaldaretta	S
38	Muscat Hamburg	Iswed		Ob
39	Negroamaro	Iswed	Serkużan, Sirakużan	S
40	Nero d’Avola	Iswed		S
41	Petit Verdot	Iswed		S
42	Pinot Bianco	Abjad	Pinot blanc	S
43	Pinot Grigio	Abjad	Pinot gris	Ob
44	Pinot Nero	Iswed	Pinot noir	S
45	Primitivo	Iswed	Zinfandel	S
46	Riesling	Abjad	Riesling renano	Ob
47	Sangiovese	Iswed		S
48	Sauvignon Blanc	Abjad		S
49	Syrah	Iswed	Shiraz	S
50	Tannat	Iswed		Ob
51	Tempranillo	Iswed	Cencibel	S
52	Traminer	Abjad		Ob
53	Uva di Troia	Iswed		Ob

54	Trebbiano	Abjad	Ugni Blanc	S
55	Verdicchio	Abjad		Ob
56	Vermentino	Abjad		S
57	Viognier	Abjad		S

[1]S = Varjetajiet Addattati, SR = Varjetajiet Addattati u Rakkomandati, Ob = Varjetajiet taħt osservazzjoni